



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.4.2016
COM(2016) 181 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**IT-TMIEN RAPPORT FINANZJARJU TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT
EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-
IŻVILUPP RURALI (FAEŻR)
GĦAS-SENA FINANZJARJA 2014**

{SWD(2016) 111 final}

Werrej

1.	IL-PROĊEDURA BAĠITARJA	3
1.1.	Abbozz tal-Baġit (AB) 2014.....	3
1.2.	L-adozzjoni tal-Baġit tal-2014.....	3
1.3.	L-adozzjoni tal-Baġits Emendatorji	4
2.	IL-ĠESTJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET	4
2.1.	Il-ġestjoni tal-Appropriazzjonijiet ta' Impenn	4
2.1.1.	<i>Programmi ta' żvilupp rurali tal-FAEŻR.....</i>	4
2.1.2.	<i>L-ġħajnuna teknika.....</i>	5
2.2.	Il-ġestjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament.....	5
2.2.1.	<i>Programmi ta' żvilupp rurali tal-FAEŻR.....</i>	5
2.2.2.	<i>Assistenza teknika.....</i>	6
3.	IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-FAEŻR TAL-2014.....	6
3.1.	Introduzzjoni	6
3.2.	Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn.....	6
3.2.1.	<i>Programmi ta' żvilupp rurali tal-FAEŻR.....</i>	6
3.2.2.	<i>Ġħajnuna teknika</i>	7
3.3.	L-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament	8
3.3.1.	<i>Programmi ta' żvilupp rurali tal-FAEŻR.....</i>	8
3.3.2.	<i>Ġħajnuna teknika</i>	13
3.4.	Analiżi tan-nefqa ddikjarata skont l-assi u skont il-miżura - Perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.....	14
3.5.	L-implimentazzjoni tal-programmi tal-FAEŻR - Il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.....	16

1. IL-PROĊEDURA BAĠITARJA

1.1. Abbozz tal-Baġit (AB) 2014

L-Abbozz tal-Baġit (AB) 2014 ġie adottat mill-Kummissjoni u propost lill-Awtorità Baġitarja fit-28 ta' Ġunju 2013.

L-Abbozz tal-Baġit għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) taħt l-intestatura 2 tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013 kien jammonta għal EUR 10 340 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament. Ma ntabx appropriazzjonijiet ta' impenn għas-sena 2014 billi l-perjodu ta' programmazzjoni l-antik spiċċa fl-2013. L-abbozz tal-baġit tal-2014 għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2014-2020 kien jammonta għal EUR 13 987 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u għal EUR 1 312-il miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament.

Tabella 1

Partita tal-Baġit	Appropriazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)	Appropriazzjonijiet ta' pagament (f'EUR)
2007-2013		
05.040501 (Programmi ta' Żvilupp Rurali)	-	10 333 305 000
05.040502 (Għajnuna teknika għat-tħaddim)	-	6 433 956
2014-2020		
05.046001 (Programmi ta' Żvilupp Rurali)	13 970 049 059	1 303 887 960
05.046002 (Għajnuna teknika għat-tħaddim)	17 222 000	7 748 500

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-Abbozz tal-Baġit tal-2014 fit-2 ta' Settembru 2013. L-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-programmi tal-FAEŻR tnaqqsu b'EUR 4,6 miljun għall-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti u b'EUR 50 miljun għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid, meta mqabbla mal-Abbozz tal-Baġit tal-Kummissjoni filwaqt li l-impenji baqgħu ma nbidlux. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fit-23 ta' Ottubru 2013 u b'hekk irrestawra l-proposta tal-Kummissjoni. Il-proċedura ta' Konċiljazzjoni rriżultat fi ftehim bejn iż-żewġ istituzzjonijiet. Fit-12 ta' Novembru 2013, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu dwar pakkett ta' kompromess.

1.2. L-adozzjoni tal-Baġit tal-2014

L-Abbozz tal-Baġit ġie approvat mill-Parlament permezz ta' vot fl-20 ta' Novembru 2013. Il-baġit li ġie vvotat għall-FAEŻR fil-kapitolu 05 04 ammonta għal EUR 10 336 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament għall-perjodu ta' programmazzjoni

2007-2013 u EUR 13 987 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u EUR 1 275 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament għall-perjodu 2014-2020.

Tabella 2

Partita tal-Baġit	Appropriazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)	Appropriazzjonijiet ta' pagament (f'EUR)
05.040501 (Programmi ta' Żvilupp Rurali 2007-2013)	-	10 329 896 149
05.040502 (Għajnuna teknika 2007-2013)	-	6 433 956
05.046001 (Programmi ta' Żvilupp Rurali 2014-2020)	13 970 049 059	1 267 275 423
05.046002 (Għajnuna teknika 2014-2020)	17 222 000	7 748 500

1.3. L-adozzjoni tal-Baġits Emendatorji

Il-Baġit Emendatorju Nru 2 ġie adottat fis-17 ta' Diċembru 2014. Dan naqqas l-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-Programmi tal-Iżvilupp Rurali 2014-2020 b'EUR 20 miljun.

2. IL-ĠESTJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET

2.1. Il-ġestjoni tal-Appropriazzjonijiet ta' Impenn

2.1.1. Programmi ta' żvilupp rurali tal-FAEŻR

Il-Baġit tal-2014 ma kienx fih appropriazzjonijiet ta' impenn għall-programmi tal-2007-2013 tal-FAEŻR, filwaqt li l-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-FAEŻR 2014-2020 ammontaw għal EUR 13 970 miljun.

Tabella 3

Ġestjoni ta' appropriazzjonijiet ta' impenn fl-2014 – FAEŻR	Partita tal-Baġit 05.040501 (ammonti f'euro)	Partita tal-Baġit 05.046001 (ammonti f'euro)
Appropriazzjonijiet fil-bidu tal-2014	-	13 970 049 059
Riport mill-2013	-	0
Appropriazzjonijiet disponibbli fl-2014	-	13 970 049 059
Appropriazzjonijiet użati fl-2014	-	3 294 627 697

2.1.2. L-għajnuna teknika

L-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jistipula li l-FAEŻR jista' juża sa 0,25% tal-allokkazzjoni annwali tiegħu biex, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jiffinanzja l-azzjonijiet ta' għajnuna teknika meħtieġa biex jimplimenta l-politika ta' żvilupp rurali u, b'mod partikolari, l-ispejjeż biex jiġu stabbiliti u jitħaddmu n-netwerk Ewropew għall-iżvilupp rurali u n-netwerk tal-Isħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP). Fil-baġit tal-2014, l-ammont oriġinali disponibbli għal dan l-iskop kien ta' EUR 17,2 miljun. Minn dan l-ammont, EUR 0,7 miljun ġew allokati mill-ġdid għal partiti oħra tal-baġit. Fi tmiem l-2014, l-ammont totali tal-impenn kien ta' EUR 11,9 miljun.

2.2. Il-ġestjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament

2.2.1. Programmi ta' żvilupp rurali tal-FAEŻR

Għall-programmi tal-2007 sal-2013, l-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-baġit ivvutat tal-2014 ammontaw għal EUR 10 330 miljun. Barra minn hekk, id-dħul assenjat disponibbli, jew dak riportat mill-2013 jew dak miġbur matul is-sena, ammonta għal EUR 149,9 miljun. Tul is-sena, is-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-baġit u l-analiżi tal-previżjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri wrew li kienu meħtieġa EUR 536,4 miljun oħra f'appropriazzjonijiet ta' pagament. Din il-ħtieġa addizzjonali ġiet koperta minn trasferimenti mill-programmi tal-2014 sal-2020 u mil-linji tal-għajnuna teknika.

L-ammont totali li tħallas lill-Istati Membri għall-programmi tal-FAEŻR 2007-2013, fl-2014 wasal għal EUR 10 947 miljun. EUR 69 miljun tad-dħul assenjat ġew riportati awtomatikament għall-2015.

Għall-programmi tal-2014 sal-2020, l-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-baġit ivvutat ammontaw għal EUR 1 267 miljun. Minn dan l-ammont, EUR 225 miljun biss intużaw fl-2014, minħabba l-adozzjoni tardiva ta' programmi ta' żvilupp rurali ġodda. Rigward l-eċċess, parti tpoġġiet disponibbli għall-programmi ta' qabel (EUR 532 miljun) u l-bqija ddaħħal fit-Trasferiment tal-Aħħar tas-Sena (EUR 490 miljun) jew fil-Baġit Emendatorju Nru 2/2014 (EUR 20 miljun).

Tabella 4

Il-ġestjoni ta' appropriazzjonijiet ta' pagament fl-2014 (f'euro)	
FAEŻR (2007-2013) Il-Partita tal-Baġit - 05.040501	
Appropriazzjonijiet fil-bidu tal-2014	10 329 896 149
Dħul assenjat li ġie ttrasferit mill-2013	80 494 135
Dħul assenjat li nġabar fl-2014	69 413 811
Trasferimenti mill-Programmi ta' Żvilupp Rurali u mil-linji tal-għajnuna teknika	536 390 000
Appropriazzjonijiet disponibbli fl-2014	11 016 194 095
Appropriazzjonijiet użati fl-2014	10 947 350 314
FAEŻR (2014-2020)	

Il-Partita tal-Baġit - 05.046001	
Approprjazzjonijiet fil-bidu tal-2014	1 267 275 423
Trasferiment għall-programmi tal-2007 sal-2013	- 532 190 000
Baġit Emendatorju Nru 2/2014	- 20 000 000
Trasferiment tal-aħħar tas-sena	- 490 090 023
Approprjazzjonijiet disponibbli fl-2014	224 995 400
Approprjazzjonijiet użati fl-2014	224 989 886

2.2.2. Assistenza teknika

L-approprijazzjonijiet ta' pagament totali tal-baġit tal-2014 ammontaw għal EUR 14,2 miljun. Minn dan l-ammont, EUR 6,4 miljun kienu marbuta ma' ħtiġijiet pendenti tal-programmi 2007-2013 (impenji pendenti tal-partita tal-baġit 05.040502) filwaqt li EUR 7,7 miljun kien l-ammont allokat għall-għajnuna teknika tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid (il-partita nru 05.046002). Fi tmiem is-sena, il-pagamenti totali laħqu EUR 8,4 miljun, filwaqt li EUR 4,2 miljun ġew allokat mill-ġdid biex jirrinfurzaw il-programmi tal-2007 sal-2013.

3. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-FAEŻR TAL-2014

3.1. Introduzzjoni

L-aħħar impenji tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007 sal-2013 ġew allokat fis-sena finanzjarja 2013. Rigward il-pagamenti, il-pass tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' żvilupp rurali li ġew irreġistrati fl-2014 baqa' għaddej b'livell għoli, minkejja li fil-każ ta' xi wħud mill-programmi d-dikjarazzjonijiet tal-infiq ma ġewx rimborżati kompletament minħabba l-applikazzjoni tal-limitu massimu ta' 95%. It-twerttiq fl-2014 jirrappreżenta 83,5% tat-twerttiq tal-2012, li huwa l-ogħla twerttiq irreġistrat f'dan il-perjodu ta' programmazzjoni.

3.2. Implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' impenn

3.2.1. Programmi ta' żvilupp rurali tal-FAEŻR

Fl-2014, l-approprijazzjonijiet ta' impenn kienu disponibbli biss għall-programmi tal-FAEŻR tal-2014 sal-2020. Il-baġit ivvotat tal-2014 kien jammonta għal EUR 13 970 miljun, iżda minħabba l-adozzjoni tardiva tal-programmi ma setax jiġi impenjat l-ammont kollu. Għaldaqstant, għall-programmi li ma ġewx adottati, kien hemm il-bżonn jew li jiġu pprogrammati mill-ġdid l-allokazzjonijiet, jew, meta kienu sodisfatti r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (UE) 966/2012, l-approprijazzjonijiet korrispondenti kellhom jiġu riportati għas-sena 2015.

It-Tabella 5 turi l-allokazzjoni stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-17/12/2013 kif emendat bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/791 tas-27/04/2015 (jiġifieri bl-ipprogrammar) għal programmi tal-FAEŻR ġodda, u l-ammonti impenjati għal kull Stat Membru fl-2014.

Tabella 5

Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 mqabbla mal-ammonti impenjati fit-tmiem tal-2014:			
Partita tal-baġit: 05.046001		<i>(f'euro)</i>	
Stat Membru	Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 - Fondi tal-UE 2014	Ammonti riportati għal impenn fl-2014	Ammonti impenjati fis-sena baġitarja 2014
	(a)	(b)	(c=a+b)
AT	557 806 503	-	557 806 503
BE	40 855 562	-	-
BG	-	-	-
CY	-	-	-
CZ	-	-	-
DE	664 601 903	-	234 970 693
DK	90 287 658	-	90 287 658
EE	103 626 144	-	-
ES	-	-	-
FI	335 440 884	-	332 522 548
FR	4 353 019	-	-
GR	-	-	-
HR	-	-	-
HU	-	-	-
IE	-	-	-
IT	-	-	-
LT	230 392 975	-	-
LU	-	-	-
LV	138 327 376	-	-
MT	-	-	-
NL	87 118 078	-	-
PL	1 569 517 638	-	1 569 517 638
PT	577 031 070	-	509 522 657
RO	-	-	-
SE	-	-	-
SI	118 678 072	-	-
SK	271 154 575	-	-
UK	475 531 544	-	-
Total	5 264 723 001	-	3 294 627 697

3.2.2. *Għajnuna teknika*

It-Tabella 6 turi l-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-għajnuna teknika kkunsmati fl-2014. Il-parti l-iktar importanti tirrigwarda n-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Tabella 6

Għajnuna teknika - Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn	
Partita tal-Baġit: 05.046002	
<i>(f'euro)</i>	
Deskrizzjoni	Ammont impenjat

Punt ta' kuntatt għan-Netzwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali	4 000 000
Gruppi ta' esperti / Kumitat ta' koordinazzjoni / Seminars (ENRD)	1 087 693
SEI (Sit web u Faċilità tan-Netzwerk)	2 569 923
L-Informatika	1 927 013
Protezzjoni tas-simboli	290 443
Avvenimenti	1 000 000
Netzwerk Ewropew tal-Evalwazzjoni (helpdesk tal-evalwazzjoni u kumitati esperti)	993 950
Total	11 869 022

3.3. L-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament

3.3.1. Programmi ta' żvilupp rurali tal-FAEŻR

Għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-2007 sal-2013, l-appropriazzjonijiet ta' pagament kollha disponibbli fil-baġit ivvutat tal-2014 ġew implimentati (EUR 10 330 miljun). Ingħataw pagamenti addizzjonali ta' EUR 81 miljun u ta' EUR 536,4 miljun bl-appropriazzjonijiet mid-dħul assenjat u minn trasferimenti minn linji tal-għajnuna teknika (05.040502 u 05.046002) u mil-linja għal programmi ġodda (05.046001). Fi tmiem l-2014, l-ammont totali mħallas għall-programmi tal-FAEŻR kien ta' EUR 10 947 miljun. EUR 68,8 miljun tad-dħul assenjat ġew riportati għall-2015

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 tħallas biss il-prefinanzjament fl-ammont ta' EUR 225 miljun.

It-Tabella 7 ta' hawn taħt turi t-tqassim tal-pagamenti li saru fl-2014 skont il-perjodu ta' dikjarazzjoni:

Tabella 7

<i>Pagamenti 2014 għall-programmi ta' żvilupp rurali tal-FAEŻR (f'miljuni ta' euro)</i>	<i>2007-2013</i>	<i>2014-2020</i>
	Partita 05.040501	Partita 05.046001
Rimborż ta' talbiet għal pagamenti Q3 2013	2,61	-
Rimborż ta' talbiet għal pagament Q4 2013	4 927,28	-
Rimborż ta' talbiet għal pagament Q1 2014	2 101,38	-
Rimborż ta' talbiet għal pagament Q2 2014	1 711,84	-
Rimborż ta' talbiet għal pagamenti Q3 2014	2 204,24	-
Prefinanzjament 2014-2020	-	224,99
Total tal-2014	10 947,35	224,99


Il-grafika ta' hawn taħt tirrappreżenta l-konsum ta' kull xahar tal-appropriazzjonijiet ta' pagament matul is-sena (minn Jannar sa Diċembru 2014) għall-programmi tal-perjodu 2007-2013. Ir-ritmu tal-konsum huwa marbut maż-żmien li fih jintbagħtu l-erba' dikjarazzjonijiet ta' pagamenti (il-31 ta' Jannar, it-30 ta' April, il-31 ta' Lulju u l-10 ta' Novembru għat-talbiet għal pagamenti li jikkorrispondu għal Q4 2013, Q1

2014, Q2 2014 u Q3 2014) rispettivamente, skont l-Artikolu 22 (2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014.

Rigward il-programmi tal-perjodu 2014-2020, l-avvanzi kollha (EUR 225 miljun) tħallsu f'Diċembru tal-2014.

Il-grafika turi l-konsum tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kull xahar. Ir-ritmu tal-pagamenti ġie influwenzat minn diffikultajiet tat-teżor li wasslu għal dewmien ta' xi rimborżi fl-ewwel parti tal-2014 (minn Jannar sa Ġunju) u fl-aħħar tas-sena.

Grafika 1



It-tqassim skont l-Istat Membru u skont il-perjodu ta' dikjarazzjoni tal-ammonti li ħallset il-Kummissjoni għall-programmi tal-2007-2013 fis-sena baġitarja 2014 jidher fit-Tabella 8a. L-ammont totali li tħallas, EUR 10 947 miljun, huwa marbut biss ma' pagamenti *interim*.

Tabella 8a

Pagamenti li fil-fatt saru bejn l-01/01/2014 u l-31/12/2014						
Il-Partita tal-Baġit 05.040501						(f'euro)
Stat Membru	Q3 2013	Q4 2013	Q1 2014	Q2 2014	Q3 2014	Total Kumplessiv
AT	0	244 873 999	0	0	0	244 873 999
BE	0	2 689 192	3 244 454	9 266 757	1 427 705	16 628 109
BG	0	284 557 645	24 550 102	27 675 831	56 967 049	393 750 627
CY	0	13 267 957	1 055 853	4 586 052	3 988 489	22 898 351
CZ	0	41 674 370	187 320 552	54 253 139	0	283 248 060
DE	0	477 758 847	119 748 265	96 522 148	223 278 056	917 307 316
DK	0	22 147 611	19 064 163	20 158 227	21 937 263	83 307 265
EE	0	19 809 432	42 326 220	0	0	62 135 652
EL	0	297 262 410	28 283 661	54 263 779	169 354 762	549 164 613
ES	0	495 902 738	147 877 593	103 782 522	216 625 787	964 188 641
FI	0	56 934 909	0	0	0	56 934 909
FR	0	351 132 742	165 867 656	139 255 349	141 896 984	798 152 731
HU	0	171 302 480	121 740 056	110 912 819	146 395 713	550 351 068
IE	0	0	0	0	0	0
IT	51 734	634 840 721	128 549 026	211 279 181	229 312 537	1 204 033 199
LT	0	22 936 917	119 899 042	49 775 609	39 769 642	232 381 211
LU	0	1 287 916	0	0	0	1 287 916
LV	0	51 845 146	6 941 296	0	0	58 786 443
MT	0	4 949 774	527 688	2 451 135	3 482 391	11 410 988
NL	0	24 827 909	19 292 515	44 919 341	21 976 313	111 016 078
PL	0	626 415 545	392 425 430	335 987 350	345 944 778	1 700 773 103
PT	913 213	210 553 953	154 826 061	139 415 532	177 413 253	683 122 011
RO	0	345 989 125	172 531 090	107 792 851	196 529 406	822 842 472
SE	0	178 628 972	34 930 716	7 714 548	0	221 274 236
SI	0	54 749 783	17 568 160	33 916 658	11 856 850	118 091 451
SK	0	79 574 145	25 024 890	25 142 009	18 604 336	148 345 380
UK	1 646 288	211 369 622	167 784 553	132 767 523	177 476 500	691 044 486
Total	2 611 235	4 927 283 862	2 101 379 040	1 711 838 362	2 204 237 814	10 947 350 314

Għall-programmi tal-2014 sal-2020 adottati fl-2014, l-avvanzi li tħallsu ammontaw għal EUR 224,99 miljun. It-Tabella 8b turi t-tqassim skont l-Istati Membri.

Tabella 8b

Il-prefinanzjament 2014-2020 li tħallas bejn l-01/01/2014 u l-31/12/2014 <i>(f'euro)</i>	
Partita tal-baġit: 05.046001	
Stat Membru	Ammont
AT	39 375 519,97
BE	-
BG	-
CY	-
CZ	-
DE	15 994 705.09
DK	6 294 006.90
EE	-
ES	-
FI	23 596 993.38
FR	-
GR	-
HR	-
HU	-
IE	-
IT	-
LT	-
LU	-
LV	-
MT	-
NL	-
PL	85 982 808.14
PT	53 745 852.35
RO	-
SE	-
SI	-
SK	-
UK	-
Total	224 989 885,83

It-Tabella 9 tqabbell, għal kull Stat Membru, il-pagamenti tal-FAEŻR 2007-2013 li saru fl-2014, mal-pagamenti tal-2013. Il-pagamenti totali naqsu bi 15,5 % (EUR 10,95 biljun vs 12,95 biljun).

Tabella 9

Pagmenti li saru lill-Istati Membri – Tqabbil tal-2014 mal-2013 (f'euro)								
Stat Membru	2013			2014			Differenza 2014 vs 2013	
	Pagamenti <i>interim</i>	Prefinanzjament	Total	Pagamenti <i>interim</i>	Prefinanzjament	Total	(f'euro)	(f'perċentwali)
AT	526 926 131	-	526 926 131	244 873 999	-	244 873 999	-282 052 131	-53,53%
BE	52 721 009	-	52 721 009	16 628 109	-	16 628 109	-36 092 900	-68,46%
BG	396 641 691	-	396 641 691	393 750 627	-	393 750 627	-2 891 064	-0,73%
CY	23 033 218	-	23 033 218	22 898 351	-	22 898 351	-134 866	-0,59%
CZ	373 075 923	-	373 075 923	283 248 060	-	283 248 060	-89 827 863	-24,08%
DE	1 267 359 343	-	1 267 359 343	917 307 316	-	917 307 316	-350 052 027	-27,62%
DK	62 519 910	-	62 519 910	83 307 265	-	83 307 265	20 787 355	33,25%
EE	127 044 772	-	127 044 772	62 135 652	-	62 135 652	-64 909 120	-51,09%
EL	225 793 111	-	225 793 111	549 164 613	-	549 164 613	323 371 502	143,22%
ES	1 038 317 781	-	1 038 317 781	964 188 641	-	964 188 641	-74 129 140	-7,14%
FI	340 230 873	-	340 230 873	56 934 909	-	56 934 909	-283 295 964	-83,27%
FR	998 803 101	-	998 803 101	798 152 731	-	798 152 731	-200 650 370	-20,09%
HU	491 234 841	-	491 234 841	550 351 068	-	550 351 068	59 116 226	12,03%
IE	256 972 589	-	256 972 589	0	-	0	-256 972 589	-100,00%
IT	1 275 133 647	-	1 275 133 647	1 204 033 199	-	1 204 033 199	-71 100 448	-5,58%
LT	252 927 822	-	252 927 822	232 381 211	-	232 381 211	-20 546 611	-8,12%
LU	10 094 904	-	10 094 904	1 287 916	-	1 287 916	-8 806 989	-87,24%
LV	184 032 828	-	184 032 828	58 786 443	-	58 786 443	-125 246 385	-68,06%
MT	9 682 192	-	9 682 192	11 410 988	-	11 410 988	1 728 796	17,86%
NL	99 485 140	-	99 485 140	111 016 078	-	111 016 078	11 530 938	11,59%
PL	1 820 972 541	-	1 820 972 541	1 700 773 103	-	1 700 773 103	-120 199 438	-6,60%
PT	656 450 463	-	656 450 463	683 122 011	-	683 122 011	26 671 547	4,06%
RO	1 191 637 130	-	1 191 637 130	822 842 472	-	822 842 472	-368 794 658	-30,95%
SE	182 871 555	-	182 871 555	221 274 236	-	221 274 236	38 402 681	21,00%
SI	126 635 115	-	126 635 115	118 091 451	-	118 091 451	-8 543 663	-6,75%
SK	197 308 952	-	197 308 952	148 345 380	-	148 345 380	-48 963 572	-24,82%
UK	763 498 948	-	763 498 948	691 044 486	-	691 044 486	-72 454 462	-9,49%
Total	12 951 405 528	0	12 951 405 528	10 947 350 314	0	10 947 350 314	-2 004 055 214	-15,47%

3.3.2. Għajnuna teknika

L-ammont fil-baġit tal-2014 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kien ta' EUR 6,4 miljun għall-programmi tal-2007-2013 u EUR 7,7 miljun għall-programmi tal-2014-2020. Parti minn dawn l-appropriazzjonijiet ġiet ittrasferita biex tkopri l-bżonnijiet ta' pagament marbutin ma' programmi ta' żvilupp rurali fil-programm tal-FAEŻR tal-2007-2013: EUR 0,8 miljun mill-perjodu ta' programmazzjoni ta' qabel u EUR 3,4 miljun mill-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid.

It-Tabella 10 minn hawn 'il quddiem turi l-pagamenti raggruppati skont l-attivitajiet ewlenin. Il-parti l-iktar importanti tirrigwarda n-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Tabella 10

Għajnuna teknika - Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament	
Deskrizzjoni	Ammont imħallas
Partita tal-Baġit: 05.040502	<i>(f'euro)</i>
In-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (Punt ta' kuntatt, gruppi esperti, kumitat ta' koordinazzjoni, seminars.)	2 333 316
Netwerk Ewropew tal-Evalwazzjoni (kumitati esperti, laqgħat...)	21 426
Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (SEI)	988 626
L-Informatika	1 424 401
Protezzjoni tas-simboli tal-UE	308 241
Total tal-05.040502	5 076 010
Partita tal-Baġit: 05.046002	<i>(f'euro)</i>
In-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (gruppi esperti, kumitat ta' koordinazzjoni, seminars...)	1 076 857
Netwerk Ewropew tal-Evalwazzjoni (kumitati esperti, laqgħat...)	64 594
Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (SEI)	1 099 903
L-Informatika	694 133
Avvenimenti	400 000
Total tal-05.046002	3 335 487
Total għall-Għajnuna Teknika	8 411 497

3.4. Analiżi tan-nefqa ddikjarata skont l-assi u skont il-miżura - Perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013

It-Tabella 11 turi t-talbiet għal pagamenti ddikjarati skont l-Istat Membru u skont l-assi/il-miżura għall-iżvilupp rurali fl-2014 (minn Q4 2013 sa Q3 2014) għall-programmi 2007-2013, in-nefqa kumulattiva ddikjarata mill-2007 sal-2013 (minn Q4 2006 sa Q3 2014) kif ukoll il-pjanijiet finanzjarji tal-programmi tal-FAEŻR (2007-2013; UE27).

Fl-2014, in-nefqa għall-FAEŻR 2007-2013 għadha kkonċentrata fuq l-assi 2 (43,7%), u wara dan fuq l-assi 1 bi 32,1%, fuq l-assi 3 bi 13,5% u fuq l-assi 4 bi 8,9%. Dan it-tqassim mill-ġdid tan-nefqa jibqa' xi ftit differenti mit-tqassim mill-ġdid fil-pjanijiet finanzjarji għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 (32,6%, 46,0%, 13,2% u 6,2% għall-assi 1 sa 4 rispettivament).

Il-miżuri tal-assi 2 jinvolve l-aktar pagamenti annwali (eżempju miżuri agroambjentali) waqt li l-assi 1, 3 u, b'ammont inqas l-assi 4 jirrigwardaw l-aktar il-miżuri pluriennali li jeħtieġu proċedimenti iktar fit-tul biex jiġu approvati u implimentati (eżempju proġetti ta' investiment).

Tabella 11

In-nefqa ddikjarata tal-FAEŻR fl-2014 (Q4 2013-Q3 2014) u n-Nefqa totali kumulattiva (Q4 2006 sa Q3 2014) imqabbla mal-Pjanijiet Finanzjarji						
	In-nefqa ddikjarata fl-2014 (Q4 2013 sa Q3 2014)		In-nefqa kumulattiva ddikjarata (Q4 2006 sa Q3 2014)		Il-Pjanijiet Finanzjarji 2007-2013	
Assi/Miżura tal-FAEŻR	(f'miljun ta')	(%)	(f'miljun ta')	(%)	(f'miljun ta')	(%)
111 Taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet informattivi	136,4	1,1%	655,0	0,8%	928,5	1,0%
112 Trawwim ta' bdiewa żgħażagħ	286,2	2,4%	2 382,4	3,1%	2 949,3	3,1%
113 Irtirar bikri	335,0	2,8%	2 386,9	3,1%	2 459,1	2,6%
114 Użu ta' servizzi ta' konsulenza	21,9	0,2%	111,2	0,1%	167,2	0,2%
115 Twaqqif ta' servizzi ta' ġestjoni, ta' għajnuna	4,0	0,0%	28,8	0,0%	46,9	0,0%
121 Modernizzar ta' azjendi agrikoli	1 386,2	11,5%	9 589,6	12,3%	11 888,4	12,4%
122 Titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti	44,2	0,4%	255,4	0,3%	356,4	0,4%
123 Żieda tal-valur tal-agrikoltura u tal-forestrija...	519,8	4,3%	3 510,8	4,5%	5 307,3	5,5%
124 Kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti	45,3	0,4%	158,6	0,2%	284,5	0,3%
125 Infrastruttura marbuta mal-iżvilupp ...	779,5	6,4%	3 117,9	4,0%	4 677,4	4,9%
126 Ristawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola	128,5	1,1%	477,1	0,6%	686,8	0,7%
131 Ilħuq tal-istandards ibbażati fuq il-Komunità...	2,2	0,0%	61,8	0,1%	67,0	0,1%
132 Parteċipazzjoni ta' bdiewa fil-kwalità tal-ikel	14,3	0,1%	79,6	0,1%	113,6	0,1%
133 Attivitajiet informattivi u promozzjonali	23,2	0,2%	89,9	0,1%	144,9	0,2%
141 Biedja ta' semisussistenza	84,1	0,7%	693,8	0,9 %	802,1	0,8 %
142 Gruppi ta' produttori	34,5	0,3%	187,5	0,2%	246,5	0,3%
143 Pagamenti Diretti (BG + RO)	1,8	0,0%	8,9	0,0%	15,8	0,0%
144 Impriżi li għaddejjin minn ristrutturar	32,7	0,3%	179,6	0,2%	191,0	0,2%
Assi 1	3 879,8	32,1%	23 974,8	30,8%	31 332,7	32,6%
211 Pagamenti għal żvantaġġi naturali lil bdiewa	613,2	5,1%	6 878,8	8,8%	6 810,9	7,1%
212 Pagamenti lil bdiewa f'żoni żvantaġġati...	774,1	6,4%	7 131,2	9,1%	7 718,4	8,0%
213 Pagamenti ta' Natura 2000 u pagamenti	44,4	0,4%	210,3	0,3%	274,9	0,3%
214 Pagamenti agroambjentali	2 937,2	24,3%	21 536,3	27,6%	23 522,9	24,5%
215 Pagamenti għal trattament xieraq tal-annimali	242,9	2,0%	641,8	0,8 %	891,5	0,9%
216 Investimenti mhux produttivi	131,2	1,1%	459,9	0,6%	584,2	0,6%
221 L-ewwel afforestazzjoni ta' art agrikola	184,8	1,5%	1 410,4	1,8%	1 630,2	1,7%
222 L-ewwel twaqqif ta' sistemi agroforestali...	0,3	0,0%	0,9	0,0%	8,9	0,0%
223 L-ewwel afforestazzjoni ta' art mhux agrikola	22,4	0,2%	138,4	0,2%	204,1	0,2%
224 Pagamenti ta' Natura 2000	16,7	0,1%	49,8	0,1%	72,1	0,1%
225 Pagamenti forestali ambjentali	13,1	0,1%	54,0	0,1%	106,7	0,1%
226 Ristawr tal-potenzjal forestali u ...	183,1	1,5%	1 145,3	1,5%	1 637,2	1,7%
227 Investimenti mhux produttivi	124,0	1,0%	504,4	0,6%	733,7	0,8%
Assi 2	5 287,31	43,7%	40 161,61	51,5%	44 195,65	46,0%
311 Diversifikazzjoni lejn attivitajiet mhux	152,9	1,3%	866,9	1,1%	1 220,5	1,3%
312 Ħolqien u żvilupp ta' negozji	212,6	1,8%	1 094,0	1,4%	1 729,0	1,8%
313 Appoġġ għal attivitajiet turistiċi	140,6	1,2%	623,4	0,8%	1 191,8	1,2%
321 Servizzi bażiċi għall-ekonomija u rurali ...	523,9	4,3%	2 487,1	3,2%	3 757,9	3,9%
322 Tiġdid u żvilupp ta' rħula	403,2	3,3%	2 702,3	3,5%	3 337,4	3,5%
323 Konservazzjoni u titjib tal-wirt rurali...	180,6	1,5%	862,8	1,1%	1 218,8	1,3%
331 Taħriġ u informazzjoni	13,3	0,1%	71,9	0,1%	102,1	0,1%
341 Kisba ta' kompetenzi, animazzjoni u	10,0	0,1%	83,6	0,1%	105,2	0,1%
Assi 3	1 637,21	13,5%	8 792,0	11,3%	12 662,7	13,2%
411 Implimentazzjoni ta' strateġiji lokali ta'	105,9	0,9%	251,3	0,3%	520,5	0,5%
412 Implimentazzjoni ta' strateġiji lokali ta'	13,6	0,1%	34,9	0,0%	80,0	0,1%
413 Implimentazzjoni ta' strateġiji lokali ta'	778,7	6,4%	2 486,4	3,2%	4 139,3	4,3%
421 Implimentazzjoni ta' proġetti ta'	26,8	0,2%	73,8	0,1%	214,6	0,2%
431 Tmexxija tal-grupp ta' azzjoni lokali, kisba ...	154,4	1,3%	700,2	0,9%	964,7	1,0%
Assi 4	1 079,4	8,9%	3 546,5	4,5%	5 919,1	6,2%
511 Għajnuna Teknika	220,2	1,8%	1 053,7	1,4%	1 525,1	1,6%
611 Pagamenti Diretti (BG + RO)	-0,4	0,0%	436,6	0,6%	437,8	0,5%
Total kumplessiv	12 103,5	100,0%	77 965,3	100,0%	96 073,2	100,0%

*L-Istati Membri jiddikjaraw in-nefqa tagħhom kull tliet xhur. Madankollu għas-sena n, id-dikjarazzjonijiet Q4 jiġu ppreżentati f'Jannar tas-sena n+1. Għaldaqstant, ir-rimborżi korrispondenti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri fis-sena n ikomplu minn Q4 tas-sena n-1 sa Q3 tas-sena n.

3.5. L-implimentazzjoni tal-programmi tal-FAEŻR - Il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013

Il-Grafika 2 tippreżenta r-rata ta' implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi ta' żvilupp rurali 2007-2013 għal kull Stat Membru: pagamenti mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni sal-2014, inkluż il-Q4 2014 li jiġi rrimborżat fis-sena finanzjarja 2015, meta mqabbla mal-impenji tal-perjodu 2007-2013 skont il-pjan finanzjarju. Billi l-2013 kienet l-aħħar sena li fiha saru l-impenji, ir-rata ta' implimentazzjoni hija ekwivalenti għar-rata ta' assorbiment (pagamenti li saru mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni mqabbla mal-allokazzjoni kollha tal-2007 sal-2013). Ir-rata medja tal-implimentazzjoni finanzjarja tal-FAEŻR għall-programmi kollha tal-FAEŻR hija ta' 91%.

Il-Grafika 2 turi li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri assorbew aktar minn 90% tal-impenji tal-2007 sal-2013.

Sal-aħħar tal-2014, l-applikazzjoni tar-regola N+2 irriżultat f'diżimpenji relattivament żgħira għall-programmi ta' żvilupp rurali. Dawk id-diżimpenji jammontaw għal total ta' EUR 171,7 miljun u jirrigwardaw is-snin 2008, 2009, 2010 u 2011. Id-diżimpenji fir-rigward tas-sena 2012 saru fl-2015.

Grafika 2 - Ir-rata tal-Implimentazzjoni/Assorbiment tal-programmi ta' Żvilupp Reġjonali 2007-2013 għal kull Stat Membru (% tal-pagamenti tal-FAEŻR inklużi t-talbiet għall-pagamenti Q4 2014 bi tqabbil mal-allokazzjoni 2007-2013)

